MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 4/1997/1

**Langdale Limited u b’nota tal-1 ta’ April 2002 is-socjeta**
**bidlet isimha ghal Coleiro Yacht Finishes Limited**

**Vs**

**Jon David Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex thallas is-somma ta’ seba’ mija u tmenin Lira Maltin hamsa u ghoxrin centezmu (Lm780.25,0) mill-konvenut dovuta bhala bilanc ta’ prezz ta’ ‘zebgha’ kelma mizjuda skond digriet tal-31 ta’Lulju 1997 u il-kelma ‘zebgha’ qed tigi sostitwita bil-kliem ‘servizzi ta’ applikazzjoni ta’ floor coating u fornituri realttivi’ skond digriet tal-Qorti tat-3 ta’ Dicembru 1998, lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata mill-kumpanija attrici.

Bl-ispejjes.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta'l-eccezzonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol 6 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. In-nullita' ta' l-avviz peress illi huwa nieqes minn kawzali;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet Taghha a fol 14 u fol 15 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri (ara fol 15 ibid) u li biha s-socjeta' konvenuta eccepiet ulterjorment (fol 20 ibid):

1. Ili t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi s-socjeta' eccipjenti ma xtrat l-ebda zegha minghandha.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet tat-3 ta' Dicembru 1998 (fol 25 sa fol 28 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ultejruri (fol 30 ibid) u li biha s-socjeta' konvenuta eccepiet ulterjorment:-

1. Il-preskrizzjoni ta' tmintax (18) il-xahar skond l-Artkolu 2148(b) tal-Kodici Civili, u kif ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment is-sentenza in atti moghtija mill-Qorti tal-Appell moghtija fit-3 ta' Novembru 2004 u li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri (fol 97 ibid) u li biha s-socjeta’ konvenuta eccepiet ulterjorment (ara d-digriet a fol 96 u fol 97 ibid):-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi x-xoghol ezegwit mis-socjeta’ attrici ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ser jirrizulta ahajr waqt it-trattazjoni ta-kawza;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Henry Antoincich a fol 112 ibid kif ukoll dak verbalizzat a fol 113 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti, is-socjeta konvenuta ssottomettiet bl-awtorizazzjoni ta’ din il-Qorti, eccezzjonijet permezz ta’ diversi noti kif hawn fuq premess. Pero l-unici provi prodotti da parti taghha kienu jirreferu biss ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni, liema eccezzjoni preliminari giet michuda mill-Qorti tal-Appell, kif hawn fuq premess.

Illi in rigward l-eccezzjonijiet kollha l-ohra, ma giet prodotta l-ebda prova avolja s-socejta konvenuta nghatat l-opportunita sabiex taghmel dan.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta attrici gew prodotti, fuq il-meritu, s-segwenti provi:-

a) Kenneth Coleiro, permess ta’ ‘affidavit’ (fol 79 et seq ibid) spjega illi f’dan il-kaz, oltre fornitura ta’ ‘floorcoating’ industrijali, il-ftehim bejn il-partijiet inovluti kien jinvolvi ukoll l-applikazzjoni tal-istess prodott fil-bini kummercjali tas-socjeta’ konventua sitwat f’Hal Qorti u dan permezz ta’ haddiema tas-socjeta’ attrici. Wara li dan ix-xoghol kien tlesta anzi “ftit tax-xhur, wara” is-socjeta’ konvenuta nformatu li,f’xi postijiet … iz-zebgha kienet gholiet “izda meta x-xhud kien mar fuq il-post, hu kien ra’, biss ‘zewg

irqajja zghar li tqaxxru”. L-istess xhud kien ra li fejn dan kien avvera ruhu, kien hemm moffa u ilma presenti u difatti irrisulta illi kien hemm presenza gholja ta’ umdita, liema umdita ma kienetx hekk presenti meta kien sar ix-xoghol originarjament u wara it-testijiet relattivi. Wara li x-xhud qal li ma kienx cert dwar l-origini ta’ din l-ilma, hu, xorta wahda, iddeciedi li jirranga dawn il-postijiet zghar li kienu tqaxru u dan minghajr hlas. Ftit granet wara, kien gie informat illi grat l-istess haga f’postijiet differenti oltre dawk li kienu di gja trangaw. Ghalhekk ix-xhud sostna li kien evidenti illi kien hemm il-presenza ta‘ ilma li “… beda jimxi ghal taht il-‘konkrit kollu’ tal-art. Dan ma jidhirx li gie accettat mis-socejta’ konvenuta li da parti taghha insistiet illi “.. l-applikazzjoni kienet hazina”. Eventwalment kien gie inkarigat il-perit Alex Torpiano, espert f’materja bhal dik in esami u, kif jirrizulta mir-rapport esebit mix-xhud (fol 82 u fol 83 ibid) kien gie konfermat mill-imsemmi Peirt illi kien hemm presenza kbira ta’ ilma specifikatament ilma tad-drenagg.

b) Dak premess gie konfermat mill-Professur Alexander Torpiano li esebixxa kopja ohra tal-istess rapport u kkonferma l-kontenut tieghu.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl tal-premess cjoe il-provi prodotti mis-socjeta’ attrici u n-nuqqas da parti ta’ dik konvenut illi tissostanza l-eccezzjonijiet sottomessi minnha permezz ta’ xi prova, hlief in rigward dik ta’ preskrizzjoni ta’ din l-azzjoni, jidher li t-talba in esami ghandha tigi akkotta kollha kemm hi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm780.25 ossija €1817.49 bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta’ Dicembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------